# Ċ 5.3 NILAGĦBU



**Ċ5.3.4.**
L-istudenti jisimgħu bil-logħob tradizzjonali Malti u jiskopru mill-ġdid żewġ logħbiet tradizzjonali Maltin.

**A. Ħarsu lejn dan ir-ritratt, aqra, aħseb, imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet.**



It-tfal ta' dari kienu jilagħbu b'affarijiet differenti ħafna minn tal-lum. Innota biex qegħdin jilagħbu dawn it-tfal. Mhux l-ewwel darba li dari, it-tfal kienu jsibu erba' roti ta' xi *pram* jew *pushchair*, u bihom jaħdmu karettun bħal dak li jidher fl-istampa. L-istess jekk ikollhom bżonn ballun, huma kienu jagħmluh huma minn xi qabda ċraret użati.

**Wieġeb.**

1. Kemm jidhru tfal fl-istampa?

2. Kemm minnhom huma bniet, u kemm hemm subien?

3. Ikkummenta fuq l-ilbies tat-tfal li qed tara

4. Kif tiddeskrivi lil wiċċhom?

5. Iddeskrivi fi kliemek il-ġugarell li qedgħdin jilagħbu bih.

6. Għaliex dan il-ġugarell nistgħu nsejħulu oġġett riċiklat?



**B. Naraw il-video, imbagħad naħdmu t-taħriġ.**

Naraw il-video: http://youtu.be/ylbIuLwuI8w

**Wieġeb.**

Skont il-video li għadek kemm rajt, liema minn dawn jistgħu jissejħu **LOGĦOB TRADIZZJONALI MALTI**?

Immarka t-tajbin bis-sinjal (X)

| | **Immarka** | | **Immarka** |
|---|---|---|---|
| Ix-Xixu | | Il-futbol | |
| Il-Qbiż bil-Ħabel | | Il-Ħarba | |
| Tlielaq tal-Karozzi | | It-*table-tennis* | |
| Il-Passju | | It-Tajra | |
| Logħba tal-Boċċi | | Il-*basketball* | |
| It- *Tennis* | | Bumm Bumm il-Bieb | |
| Dawra Durella | | Noli | |
| Iċ-Ċirku | | Iċ-Ċess | |
| Muturi bil-Batterija | | Iż-Żibeġ | |
| Logħob bil-Pupi | | Taż-Żiemel | |
| Tlielaq bil-Muturi | | Iż-Żunżana Ddur Iddur | |
| Il-Bżieżaq tas-Sapun | | Iż-Żugraga | |
| Scrabble | | Gwerra Franċiża | |
| Il-Lastiku | | Il-Monopoly | |

